Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Ġunju 2026**
**(OR. en)**

**10631/26**

**CDR 111**

## NOTA PUNT "I/A"

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra datata l-11 ta' Ġunju 2026[1], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni nnotifika lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sa Katrin KRAUSE, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġiet proposta għall-ħatra u maħtura.

2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.

[1] 10071/26.

3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u bl-għan li tiġi sostitwita s-Sa Katrin KRAUSE, il-Gvern Estonjan ippropona[2] lis-Sa Katrin KRAUSE, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Harku Vallavolikogu liige* (Membru tal-Kunsill Muniċipali Rurali ta' Harku), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 10630/26, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---

[2] 10637/26.